**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 07/11(29_09_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 ta' Settembru 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħa għall-offerti – Miżuri 313 u 323.
6. Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.
7. Jum Il-Munxar 2011.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 81/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 28023 rigward il-Kunsilli Lokali li qed jesiġu li bankini jkollhom *drop kerbs* biex jiffaċilitaw l-użu ta' siġġijiet tar-roti.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 82/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Festival Kutrumbajsa – Festival Internazzjonali għat-Tfal u ż-Żgħażagħ'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 83/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'A.L. 347 tal-2011 – Ordni tal-2011 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar lill-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali (Emenda Nru. 2)'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 84/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'It-Tħaris tal-Ordnijiet Permanenti waqt il-Laqgħa tal-Kunsill'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 85/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħlas ta' Multi fl-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 86/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Laqgħat dwar it-*Training Needs Analysis*'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 87/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 88/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Promoting Sustainable Partnerships* – Attivita' organizzata mill-MEUSAC għal Kunsilli Lokali'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 89/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Attivitajiet fil-Lokalitajiet b' Risq il-*Malta Community Chest Fund*'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 90/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012'.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarja – Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali, fl-Uffiċċju tal-Kultura u Informazzjoni, Dipartiment tal-*Customer Services* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Karnival Reġjonali t' Għawdex 2012'.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-EU Project Coordinator, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) rigward EGOV4U *project* fejn l-AKL u FTZ Community Foundation ser joffru korsijiet bla ħlas fuq *e-Gov Services* disponibbli għal kulħadd.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward il-'Laqgħa tas-Sindki 28-29 t' Ottubru 2011'.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 46/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 26177 rigward kemm tħallsu *allowances* ta' Sindki u Kunsilliera fl-aħħar sentejn minn kull Kunsill Lokali f' Għawdex. Saret referenza għar-risposti li l-Kunsilli kienu taw u ntalbet konferma tagħhom minħabba li l-ammont irid jinkludi fih biss l-*allowances* illi ngħataw lis-Sindki u lill-Kunsilliera iżda mhux l-Onorarja tas-Sindki.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċjal Inkarigat, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali, Dipartiment tal-*Customer Services* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-Universita' tat-Tielet Eta' f' Għawdex 2011-2012'.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward rapporti li rċeviet li l-vetturi li jkunu għamlu użu mill-impjant ta' Sant' Antnin qed jużaw żoni fil-viċinanza tal-impjant għal tindif u tbattil ta' likwidu li jkun akkumula fil-vetturi.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-'UIF (Urban Improvement Fund) Statement of Funds' sa l-aħħar t' Awwissu 2011.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00336/11 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq Żgħawri, Il-Munxar minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-permess PAPB760/91/2645/89 u li jikkonsisti f' varjazzjonijiet fit-tqassim tal-bini kemm fuq ġewwa kif ukoll dak ta' barra kif ukoll għandu kamra fuq in-naħa ta' wara mingħajr permess.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident ta' Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar fejn dan qed jirrapporta li l-bankina li qegħda quddiem il-proprjeta' tiegħu u ta' oħrajn hija tiżloq. Huwa qed jitlob li din is-sitwazzjoni titranġa. Is-Sindku ssuġġerixxa li jintuża materjal li għadu kif ħareġ fis-suq, iżda qabel jiġi ppruvat fuq parti żgħira ta' bankina.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* rigward trasport minn skejjel privati. Din il-persuna qed tissuġġerixxi li jsir trasport minn skejjel privati. Din l-*e-mail* diġa' ntbagħtet lill-Kunsilli Lokali t' Għawdex kollha flimkien mar-Reġjun Għawdex. Għaldaqstant din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Konsulent fis-Segretarjat għall-Kunsilli Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar proposta għall-*partner* fi proġett taħt il-programm Italja-Malta li tikkonċerna dwar *areas* protetti u l-immaniġġar tagħhom. Il-Kunsill kien diġa' wera x-xewqa li jipparteċipa.

3.04 Il-Kunsill irċieva l-Minuti ta' laqgħa li saret fit-2 ta' Settembru 2011 fil-Ministeru għal Għawdex bejn Rappreżentanti tal-Kumpanija Green MT, id-Diretturi mid-Dipartimenti ta' Eco-Gozo u Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku u l-Kunsilli ta' Għajnsielem, Il-Munxar, Iż-Żebbuġ u l-GTA u l-MTA. F' din il-laqgħa ġie diskuss dwar l-immaniġġar ta' *Bring in Sites*, il-problemi li qed jinqalgħu u kif jista' jiġi mtejjeb is-servizz.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Għaqda Inħobbu l-Munxar u x-Xlendi. Din l-*e-mail* intbagħtet ukoll lill-Istabbilimenti Turistiċi tax-Xlendi. Peress li din l-Għaqda ser tingħata *grant* ta' €50,000 mill-iskema Eco-Gozo, ser jimbeda l-proġett 'Valorising (local) Heritage (of a typical Gozitan village and hamlet) to improve the Gozo Tourism Product'. Qed jiġi mħabbar li matul Settembru 2011 ser tinbeda l-kampanja ta' 10 ġimgħat ta' reklamar fuq l-istazzjon nazzjonali tat-TV.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċjal fl-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni Għawdex inkarigat mit-trasport għat-tfal ta' l-iskejjel li jattendu l-Iskejjel Sekondarji u Primarji tal-Gvern. It-trasport jitlaq ħamsa u tletin minuta qabel il-ħin tal-bidu ta' l-Iskola u jitlaq lura mill-Iskola ħmistax-il minuta wara l-ħin li tispiċċa l-Iskola. F' każ li xi triq li jgħaddi t-trasport minnha tkun magħluqa, l-Kunsill huwa mitlub li jirrapporta lill-Uffiċjal.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 07/11(29_09_11).

**5.00 Sejħa għall-offerti – Miżuri 313 u 323.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport li sar mingħand il-Perit William Lewis.

Is-Sejħa għall-Offerti ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 t' Awwissu 2011 u fil-Malta Independent tat-3 t' Awwissu 2011. L-offerta għalqet f' nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Settembru 2011.

Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fis-6 ta' Settembru 2011 u nstabu tliet offerti:

1. Gatt Tarmac Ltd.
2. Bugeja Bros. (Gozo) Ltd.
3. Carmel Curmi

Il-Kunsill ikkummissjona lill-Perit William Lewis sabiex jeżamina l-offerti mitfugħin.

Il-Perit fir-rapport tiegħu rrakkomanda lill-Kunsill li parti minn din l-offerta tingħata lil Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. għal Lot 1 Preliminaries, Lot 1 Bill A, Lot 1 Bill C, Lot 1 Bill D, Lot 2 Preliminaries, Lot 2 Bill A u Lot 2 Bill D għal total ta' €29,099.10 minħabba li hija l-orħos offerta u parti oħra Bill B taż-żewġ Lots u Lot 2 Bill C ma tingħatax u toħroġ sejħa ġdida.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata hekk kif irrakkomandat mill-Perit.

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u l-Kunsillier is-Sur Patrick Grima talab sabiex jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**6.00 Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.**

6.01 Is-Sindku ppreżenta d-disinji taz-Zuntier tal-Knisja u l-*area* ta' madwar. Ġie kkunsidrat li minflok ma jkun hemm fanali fuq iz-Zuntier isiru dwal mill-art li jagħtu għal mal-faċċata. Ser jiġi kkunsidrat li bieb fil-balavostri fil-ġenb taz-Zuntier jingħalaq sabiex jintuża l-bieb tan-nofs.

Peress li kienu saru t-8.20 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tnejn, 3 t' Ottubru 2011, fis-7.00 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***